X'inhuma l-boosters?

Il-vaċċini jipprovdu protezzjoni, iżda maż-żmien, l-immunità minn xi vaċċini tista' tonqos.

Il-boosters huma dożi addizzjonali li jgħinu biex l-immunità tiegħek titreġġa' lura u tinżamm, b'hekk inti tibqa' protett(a).

Ipproteġi lilek innifsek u lill-oħrajn billi titlaqqam!

Skennja l-kodiċi QR biex issir taf aktar **fil-Portal Ewropew ta' Informazzjoni dwar it-Tilqim**

vaccination-info.europa.eu/en

Boosters tal-vaċċini:

iżommu l-immunità tiegħek b'saħħitha f'kull stadju tal-ħajja



PORTAL EWROPEW TA' INFORMAZZJONI DWAR IT-TILQIM
Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea

Kif jaħdmu l-boosters?

Il-biċċa l-kbira tal-vaċċini fihom forma mdgħajfa jew inattivata ta' virus jew batterju. Dan jissejjaħ antiġen.



Meta titlaqqam, is-sistema immunitarja tiegħek tagħraf lill-antiġen bħala barrani, u toħloq ċelloli msejħa antikorpi li jiġġieldu kontra l-virus jew il-batterju.

Il-boosters jerġgħu jintroduċu l-antiġen, sabiex is-sistema immunitarja tiegħek tkun tista' terġa' ssaħħaħ id-difiżi tagħha.

Jekk imbagħad tiġi f'kuntatt mal-marda, ġismek jirrispondi malajr u b'mod effettiv biex jipproteġik.

Għaliex huma meħtieġa l-boosters?



L-immunità minn xi vaċċini tonqos b'mod naturali maż-żmien. Id-dożi booster jaġġornaw id-difiżi ta' ġismek kontra mard speċifiku, u jgħinu biex tinżamm il-protezzjoni u jiġi evitat mard serju.





Min għandu jirċievi l-boosters?

Ir-rakkomandazzjonijiet dwar il-boosters jiddependu mill-età, mill-istatus tas-saħħa u mill-istorja tat-tilqim tiegħek. Iċċekkja mal-fornitur tal-kura tas-saħħa tiegħek biex tiżgura li tibqa' aġġornat bit-tilqim tiegħek.